**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 30 ta' Jannar 2020

Rikors Ġuramentat numru: 199/11 AL

**A B**
**f' ismu propju u bħala kuratur ad litem ta' uliedu minuri.**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu f' Malta fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt itfal tewmin J u M aħwa B imwieldin fit-12 ta' Mejju 2005 u li għalhekk għadhom minorenni kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi ippublikat fis-sitta (6) ta' Novembru tas-

sena elfejn u sebgħa (2007) li kopja tiegħu hi hawn annessa Dok A;

3. Illi permezz tal-istess kuntratt il-partijiet irregolaw il-kwistjoni ta' kura u kustodja, aċċess u manteniment għall-ulied minuri.

4. Illi fil-mori avveraw ċirkostanzi li wasslu għat-tibdil tal-kondizzjonijiet ta' kura u kustodja u aċċess tal-minuri skond kif jirriżulta minn Digriet maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti tat-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-atti tal-medjazzjoni istitwita fl-ismijiet inversi (Ittra Numru 234/2010) (dok B);

5. Illi rriżulta li wara s-separazzjoni, l-attur skopra fatti disturbanti dwar l-istil ta' ħajja tal-konvenuta li kienet qed toffri servizzi sesswali lill-barranin anke ġewwa ir-residenza tagħha fejn kienet iddaħħal ukoll lill-uliedhom minuri. Kif jirriżulta mill-atti tal-medjazzjoni, ġab provi ċari dwar din l-attivita' li kienet qed issir għal flus u kienet qed tesponi t-tfal għal periklu fiżiku u morali minħabba l-għixien promiskwu tagħha.

6. Illi minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fdat il-kura u l-kustodja tat-tfal f'idejn l-istess esponent u irregolat l-aċċess b'mod li ordnat li m'għandux ikun hemm ordnat overnight stays mal-omm u dan fl-aħjar interess tal-istess wild (Dok B)

7. Illi l-attur esebixxa ukoll DVDs li juru lill-konvenuta fix-xogħol tagħha in flagrante, liema DVDs jinsabu esebiti fl-atti tal-medjazzjoni.

8. Illi l-esponent qed jitlob l-affidament tat-tfal fl-aħjar interess u għall-aħjar protezzjoni tagħhom.

9. Illi l-partijiet ma wasslux għall-ftehim rigward varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu li dan jolqot it-tfal minuri u l-manteniment tagħhom u l-esponenti qed jipprevali ruħu mill-awtorizzazzjoni mogħtija fl-atti tal-medjazzjoni skond il-liġi mogħtija permezz tad-Digriet li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa Dok C tat-18 t' April 2011 u jipproċedi f'dina l-istanza.

10. Illi fil-mori l-intimata ressqet diversi rapporti foloz kontra l-attur, u li minħabba fiha tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, iżda ġie liberat filwaqt li l-istess konvenuta kienet instabet ħatja mill-Qorti

tal-Maġistrati (Malta) u mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni. Hi għamlet minn kollox biex toħloq fastidji u ostakoli kontra l-interessi tal-istess tfal, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

11. Illi għalhekk qed issir din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-intimata, inġunta minn issa stess in subizzjoni.

Għaldaqstant talab lill-konvenuta tgħid għaliex din il-Qorti m'għandiex:

1. Tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni ippublikata bejn il-partijiet minn Nutar Dottor Tonio Cauchi fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgħa (Dok A) billi tordna li minflok dawk il-provvedimenti fil-kuntratt li jiregolaw il-kura, kustodja u aċċess tal-imsemmija minuri, tordna l-affidament tal-minuri M u J aħwa B esklussivament f'idejn l-istess attur skond l-aħjar interessi tal-minuri, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

2. Tirregola l-aċċess tal-konvenuta għall-wild minuri b'dawk il-modalitajiet xierqa sabiex jiġi żgurat l-aħjar protezzjoni u sigurta' tagħhom;

3. L-istess attur ikun unikament fdat bir-responsabbilita' li jieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha rigward edukazzjoni u saħħa tat-tfal waħda fl-aħjar interess tagħhom, b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xierqa din il-Qorti;

4. Tillikwida retta alimentarja għall-ulied minuri u tikkundanna l-imsemmija konvenuta sabiex tħallas lill-attur dik ir-retta alimentarja lilu dovut hekk likwidata skond il-liġi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda annwali sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja li għandhom jiġu ffissati minn din il-Qorti;

5. Tiġi likwidata somma rappreżentanti mantenimant u spejjeż inkorsi mill-attur għal wild minuri b'effett mit-30 ta' Ġunju tas-sena 2010 u ċioe' minn mindu ġie fdat bil-kura u kustodja tagħhom u tikkundanna lill-intimata sabiex tħallsu dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri inklużi fl-istadju ta’ medjazzjoni fl-istess ismijiet kontra l-konvenuta inġunta minn issa stess għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta C B a fol 25, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti taqbel li l-kuntratt ta’ separazzjoni ippublikat min-Nutar Dottor Tonio Cauchi datat 6 ta’ Novembru 2007 għandu jiġi varjat iżda mhux b’tali mod li jiġi ordnat li l-affidament tal-minuri M u J aħwa B jkun esklussivament f’idejn l-attur peress li dan mhux fl-aħjar interess tal-minuri, kif ser jirriżulta waqt il-kawża;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-esponent taqbel li din il-Qorti għandha tirregola l-aċċess tal-esponenti b’mod li l-esponenti jkollha aktar aċċess għall-uliedha stante li huwa fl-interess tal-minuri u kif ukoll għaliex l-esponenti, bħala omm, hija kapaċi u idonea li tieħu ħsieb it-tfal minuri u fi kwalunkwe każ dejjem żgurat li uliedha jkollhom l-aħjar protezzjoni u sigurta’, kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi kwantu għat-tielet talba din għandha tiġi miċħuda stante li huwa dritt u mhux biss dmir li l-esponent jkollha parti fid-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-edukazzjoni u saħħa tat-tfal, u dan fl-aħjar interessi tal-minuri, kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi kwantu għar-raba’ talba l-esponenti temmen li din it-talba għandha tkun ikkunsidrata minn din il-Qorti a bażi ta’ dak li jrid ikun deċiż fuq l-ewwel eċċezzjoni u di piu’, f’kull każ ir-rikorrenti żewġha ilu jaħdem u għandu introjtu tajjeb u għalhekk finanzjarjament indipendenti, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Illi kwantu għal-ħames talba din għandha tiġi miċħuda stante li hija superfluwa peress li l-esponenti dejjem ikkontribwixxiet għall-ispejjeż tal-istess minuri inkluż għall-ispejjeż edukattivi u ta’ saħħa ta’ uliedha.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrent qed jitlob li jiġi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni datat 6 ta' Novembru 2007, konsegwentement hu għandu jkun fdat unikament bil-kura u kustodja tal-minuri M u J, qed jitlob li jiġi regolat l-aċċess, u li l-konvenuta tħallas ir-retta alimentarja għaż-żewġt ulied.

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: Il-partijiet kienu żżewġu fid-9 ta' Mejju 1998, u minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt ulied J u M. Sussegwentement, il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi, datat 6 ta' Novembru 2007. Permezz ta' digriet tal-Qorti datat 30 ta' Ġunju 2010[1], fl-atti tal-medjazzjoni, sar tibdil tal-kondizzjonijiet tal-kura u kustodja tal-minuri minħabba ċirkustanzi li seħħew. Jirriżulta wkoll, li wara proċeduri ta' medjazzjoni 199/11, annessi mal-atti tal-każ, fejn ma ntlaħaqx ftehim, u saret il-kawża odjerna.

**Provi:**

Illi X Y, Kap tal-Iskola Primarja fejn attendew il-minuri, ikkonfermat li kien hemm diżgwid bejn il-partijiet dwar min ser jiġbor lill-minuri. Semmiet ukoll li f'okkażjoni minnhom, il-partijiet kienu ġew fl-idejn, fejn kien ġie aggredit A B minn C. Xehdet li meta kien jiġi għalihom missierhom, it-tfal kienu jkunu ferħanin, u anqas kuntenti meta kienet tiġi ommhom.

Illi xehdet S T u qalet li taf lil C B għax kellha relazzjoni extra maritali ma' żewġha, u C kienet ammettiet li kellha din ir-relazzjoni extra maritali, iżda ddikjarat li tali relazzjoni kienet spiċċat.

Illi D V, Kap tal-Iskola tax-Xgħajra, xehed u ddeskriva lill-minuri J u M bħala studenti eżemplari bi progress akkademiku tajjeb. Huwa xehed li kien hemm episodji meta ommhom C kienet tmur tkellem lit-tfal fejn il-klassi, it-tfal kienu jiddejqu, għalhekk id-diriġenti tal-iskola kienu kellmuha u l-prassi waqfet.

---
[1] Fol 17 tal-kaz 199/11

Illi L G xehdet u ddeskriviet lil C bħala mara pożittiva, li tixtieq trabbi lil uliedha, u taf li C għandha relazzjoni stabbli li issa ilha xi sena jew sentejn.

Illi F S, li jifforma parti mill-grupp Angel Team Malta, xehed u qal li jaf bis-separazzjoni ta' C, u li l-aċċess b'superviżjoni tat-tfal isir permezz tal-Aġenzija Appoġġ.

Illi Q W, iz-ziju ta' C B, xehed fejn qal li fiż-żmien li l-minuri kienu igħixu ma' C ir-relazzjoni tagħhom kienet tajba, qal li t-tfal qishom slavaġ u ma jafx għaliex jaġixxu hekk.

Illi A B xehed permezz ta' affidavit fejn qal li hu u C iltaqgħu f'diskoteka u bdew joħorġu flimkien, u wara sentejn li kienu ilhom joħorġu flimkien lil C kienet qabditha depression qawwija, kienet tieħu tmintax-il pillola kuljum, hu taha l-appoġġ tiegħu u damet sena sakemm reġgħet ġiet għan-normal. Xehed li wara ftit tas-snin bdew jippjanaw għat-tieġ, C kellha għaġla kbira biex titlaq mid-dar t' ommha għax ommha kienet tiġri mal-irġiel, u kellha sitwazzjoni infeliċi d-dar. Hu ċeda għall-pressjoni u ppreparaw it-tieġ malajr, iżżewġu fid-9 ta' Mejju 1998, wara ħames snin flimkien. Żied igħid li hi kienet diżorganiżżata, tħobb il-ħbieb u tonfoq il-flus li jkollha iżda hu xorta kien jara kif jikkuntentaha, kompliet tistudja u kompliet korsijiet biex taħdem ta' "beautician" u fetħilha ħwienet f'San Ġwann. Wara sitt snin miżżewġin, fl-2005, kellhom tewmin, J u M, iżda martu bdiet titraskura wara t-tfal, ma ssajjarx u kien jagħmel kollox hu. Kompla jixhed illi ftit taż-żmien wara li twieldu t-tfal, missier C kien wettaq suwiċidju. F'okkażjoni minnhom, spjega li kkuntatjatu ċertu O K, li riedet tkellmu u qaltlu li martu kellha relazzjoni ma' żewġha T K, hu kien ħafrilha, iżda qabadha tlett darbiet oħra mal-istess persuna u sar jaf ukoll sussegwentement li kellha relazzjonijiet ma' rġiel oħrajn ukoll. Xehed li fis-6 ta' Novembru 2007 gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, fejn hu kien għaddielha diversi finanzi u ċedielha ħafna finanzjarjament għalkemm kien għaddej minn żmien diffiċli finanzjarjament, proprju għaliex ried li jkun ma' wliedu. Meta t-tfal kienu f'idejha kienet tibgħathom xorta l-iskola meta kienu ma jifilħux anke meta' kellhom il-ġidri r-riħ, tant li kien hemm ilmenti mill-iskola. Sussegwentement, hija għalqet il-ħwienet f'San Ġwann minħabba li kellha reputazzjoni ħażina, u bdiet tagħmel is-servizzi ta' massage fid-dar tagħha fejn kien hemm it-tfal preżenti. Hu bagħat ħabib tiegħu għandha bħala kompliċi, u dan kien talabha s-servizzi, u kienet ospitatu fuq il-couch fil-living room fejn kien ikun hemm it-tfal preżenti, fejn dan il-ħabib kien irrekordja x'qalet. Fil-fatt, huwa qal li l-kliem kollu sesswali li kienet qalet dakinhar jinsab fid-dvd esebita l-Qorti. Sussegwentemet dehru diversi drabi l-Qorti, fit-30 ta'

Ġunju 2010 quddiem l-Imħallef Cuschieri, u quddiem il-Maġistrat Vella, fejn hu kien ġie liberat u C kienet weħlet detenzjoni. Kompla jixhed li meta C tilfet il-kustodja tat-tfal, ma ppruvatx tinbidel, u t-tfal bdew jagħmlu kambjament immedjat għall-aħjar meta ħelsu minn dik il-pressjoni tal-omm. Sussegwentement, fl-aħħar xahar C għamlet serje ta' rikorsi fejn talbet li t-tfal jagħmlu sleepovers, u kienet tistaqsihom jekk hemmx il-'girlfriend' tiegħu. Spjega li t-tfal reċentement bdew juru kompartament differenti u meta jasal il-ħin tal-aċċess mal-omm, jaqgħu fil-muta. Dan kien wara sensiela ta' episodji u okkażjonijiet fejn it-tfal batew ferm wara l-aċċess mal-omm, C kienet bidlet in-nuċċali ta' J li kellu problema f'għajnejh li kienet qed tiġi indukrata. M kienet waqgħet il-baħar meta ommhom ħadithom Marsaskala u C lanqas indunat għax kienet fuq il-mobile u bintu ġiet salvata minn raġel li kien fuq il-post. Kompla jixhed illi lit-tifla, xi drabi sakkritha fid-dlam għax kienet tkun imqarba. Xehed ukoll li hu sar jaf li meta l-Hamis it-tfal imorru ma' ommhom, ommhom tmur l-aerobics u huma jibqgħu jistennewha barra. Spjega li t-tfal għaddejin minn trawma kbira speċjalment meta jasal il-ħin tal-aċċess. Żied igħid li bil-kompartament tagħha, hi umiljat it-tfal, peress li anke ħafna min-nies rawha tigri mal-irġiel, u kull darba li tmur tiffitta t-tfal anke fl-iskola dan tagħmlu mhux biex tara x'għandhom bżonn iżda biex tistaqsihom ħafna fuq missierhom.

Illi C B xehdet permezz ta' affidavit[2] fejn qalet li l-kuntratt ta' separazzjoni jirrifletti dak li ried A B u hi ffirmat għax kienet mhedda. Spjegat li t-tfal huma mwerwrin minn A B li qed jikser id-digriet tal-Qorti, għax qiegħed jesponi lit-tfal għas-sieħba tiegħu. Hija sostniet li r-rikorsi intavolati minn A B huma mezz ta' kif juża t-tfal bħala arma biex iweġġagħha. Sostniet ukoll li ma tħossx li hu ġust li t-tfal tagħha qed jitrabbew ma' mara oħra, filwaqt li ħafna drabi anke l-aċċess qed jiġi nnegat lilha u sostniet li A B mhuwiex flessibbli fejn jidħol aċċess għalhekk qed tilmenta minn nuqqas ta' ħin mal-minuri. Mistoqsija dwar l-inċident meta bintha M waqgħet il-baħar, hija kkonfermat li veru waqgħet il-baħar iżda hi kienet ilha twissiha biex ma toqgħodx fit-tarf u fil-fatt it-tifla kompliet toqgħod fit-tarf. Dwar dak rappurtat mill-Aġenzija Appoġġ, li hi ddaħħal il-mobile meta jkollha l-aċċess b'superviżjoni mat-tfal, wieġbet li issa m'għadhiex tagħmel hekk. Hija ċaħdet li ddaħħal irġiel fid-dar tagħha, u qalet li uliedha qalu dan peress li kondizzjonati minn missierhom. Spjegat li hi toqgħod maz-zija tagħha ta' tmenin sena li għandha marda terminali u ddaħħal biss lis-sieħeb tagħha iżda dan ma joqgħodx magħha. Ċaħdet ukoll li tagħmel diversi domandi lil uliedha li mhux suppost tagħmilhom. Żiedet tgħid li hi mixtieqa minn uliedha u t-tfal għandhom bżonn il-

[2] Fol 60 tal-kaz 189/11

preżenza ta' l-omm mhux tas-sieħba tar-raġel tagħha, hi tghid lil uliedha li tħobbhom, u huma igħidulha li ma jridux jarawha aktar.

Illi xehed J N permezz ta' affidavit[3] fejn qal li hu kollega tax-xogħol ta' A B, u kien ċempel lil C fuq pretiża li kien klijent tagħha, fl-2010 u meta ċempillha sema' lit-tfal jgħajtu fid-dar. Illi meta mar d-dar tagħha fuq pretiża li huwa klijent kien irrekordjaha permezz ta' digital recorder u b'hekk esebixxa r-recordings, Dok JP1 u JP2. Ftakar li meta mar għandha għall-appuntament u wasal, ra diżorganiżżazzjoni u ħmieġ fid-dar, qaltlu biex jinża kollox u bdiet tgħidlu ħafna informazzjoni dwar il-klijenti irġiel li kellha minn meta' kellha il-ħanut f'San Ġwann, fejn kien hemm ħafna tgergir għax dejjem kienu jidħlu l-irġiel. Hija semmietlu diversi esperjenzi u irġiel li kienu klijenti tagħha, spjega li din kienet esperjenza li ma għoġbitu xejn, fejn induna li din mhijiex mara normali u li għall-flus tagħmel kollox, sussegwentement kien għadda l-mobile bir-recording lil A.

Illi T K xehed permezz ta' affidavit fejn qal li hu kien ibati b'dahru u mar xi darbtejn jagħmel massage għand C meta kellha l-ħanut f'San Ġwann. Sussegwentement, kienu saru ħbieb u kellhom relazzjoni intima li damet xi tmintax jew għoxrin xahar, u xi drabi ltaqgħu barra u ġieli kien hemm it-tfal magħha iżda mhux spiss, u kien mar id-dar tagħha darba għax stidnitu hi, ir-relazzjoni tagħhom kienet li jiltaqghu bil-moħbi sabiex ikunu intimi flimkien, peress li hu kellu problemi mal-mara, u martu kienet qabditu mill-ewwel.

Illi Adriana Gellel, Social worker mal-Aġenzija Appoġġ xehdet u kkonfermat numru ta' noti preżentati mill-istess Aġenzija dwar l-andament tal-aċċess fis-sens li C tkellem lill-minuri fuq affarijiet li mhux suppost, u l-ulied minuri jibżgħu li jekk jerga' jkun hemm aċċess liberu, jerġgħu jiġru l-inċidenti li kienu ġraw. Spjegat li C kemm-il darba tasal għall-aċċess tard jew titlaq qabel il-ħin u l-ulied iħossu li ommhom aktar tagħti importanza lill-'boyfriend' tagħha milli lilhom.

Illi xehed John B, missier ir-rikorrent A B fejn qal li hu u martu qatt ma kienu kuntenti bi C, minħabba l-passat tal-familja tagħha u kemm-il darba kien ġibed l-attenzjoni ta' ibnu għall-ilbies pastaż li kienet tilbes. Xehed li dejjem ta parir lil ibnu biex jieħu ħsieb lil uliedu għax C ma kinitx kapaċi tieħu ħsiebhom. Żied igħid li s-sieħba li għandu A dejjem għenitu f'dawn l-aħħar sitt snin, anke rigward it-tfal.

---

[3] Fol 239 tal-kaz 199/2011

Illi Marie Claire Bajada supervisor fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, xehdet fejn qalet li hija għamlet biss żewġ sessjonijiet ta' replacement mal-minuri M u J. Iddeskriviet l-ewwel sessjoni ta' aċċess b' superviżjoni bħala trankwilla fejn it-tfal bdew jilgħabu. Iżda it-tieni sessjoni ma kintix hekk, it-tfal kienu rrabjati, l-omm C kienet għadha ġejja mis-safar, ġabet souvenir lit-tifel u t-tifel kissru u ma kienx dispjaċut, u f'ħin minnhom waqt battibekki l-omm qalet lit-tifel jekk ma tħobbnix x'intihom lilek nagħmel il-flus? Jien intik flus kull xahar. Meta l-omm semmiet li trid issiefer lit-tfal, it-tifla qalet li ma trid tmur imkien. It-tfal semmew ukoll iż-żmien meta kienu jkunu jilgħabu u l-omm kienet tkun rieqda u li ma jistgħux jinsew. Żiedet tgħid li f'din l-okkażjoni r-rapport kien sar minn Marlon Formosa, u xogħolhom hu li jħejju r-rapport u jgħadduh lis-social worker.

Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea fl-2010

L-avukat tat-tfal dak iż-żmien ikkonkludiet li ma tara ebda raġuni valida fil-liġi għax it-tfal m' għandhomx iqattgħu żmien ugwali ma' kull wieħed mill-ġenituri.

Rapport tal-Psikologa Carmen Sammut

Fir-rapport tagħha, l-psikologa sostniet li C B kienet persuna li kienet tmur għas-sessjonijiet, kienet " a very open minded person" ,li hija emozzjonalment stabbli, u s-sessjonijiet huma immirati biex tissoda psikoloġikament biex tkun tista tkampa bl-istressors tal-hajja.

Rapport tal-Psikoterapista Elena Borg, nominata mill-Qorti fl-14 ta' Jannar 2015[4]

Il-Psikoterapista kkonkludiet li f'eta` tant żgħira l-minuri qed jesprimu emozzjonijiet ta' rabja, biża', dwejjaq u umiljazzjoni minħabba r-relazzjoni tagħhom ma' ommhom, partikolarment waqt l-aċċess. Ġie konkjuz ukoll, li C B għandha bżonn tifhem ir-rwol tagħha ta' omm. Jirriżulta li l-Aġenzija Appoġġ tat struzzjonijiet ċari lil C B ta' kif għandha tkun l-imġieba tagħha mat-tfal, iżda hemm diffikultajiet sabiex hija timxi ma' din il-gwida. Ġie konkjuż ukoll li l-aċċess b'superviżjoni xorta qed jikkawża ħsara psikoloġika lit-tfal bħal meta twegħdhom li sejra tarahom f'kunċert tal-iskola, it-tfal ikunu ferm anzjużi, imbagħad l-omm ma

[4] Rapport esebit a fol 667 et seq tal-kaz 199/2011

titfaċċax. Għalhekk, jidher li l-aċċess kif inhu bħalissa m'huwiex jilħaq l-għan li jipproteġi u jħares il-ħarsien tal-minuri, billi anke l-omm tasal tard jew titlaq kmieni waqt l-aċċess.  Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Psikoterapista rrakkomandat, li kemm l-ulied minuri u l-omm  imorru għat-terapija,  l-aċċess għandu jitnaqqas għal darba fi ħmistax u dejjem għandu jsir taħt l-Aġenzija Appoġġ.

Rapport tal-Perit Legali Abigail Critien

Il-Perit legali ppreżentat ir-rapport tagħha, tħejjew il-konklużjonijiet fil-mertu.

"Dwar il-kura u kustodja tal-minuri, ġie konkjuż is-segwenti:

Peress li  t-talbiet relatati ma' kura u kustodja iridu dejjem jittieħdu fl-aħjar interess tal-minuri, u tenut kont taċ-ċirkostanzi u fatti tal-każ,  fejn l-aġir irresponsabbli tal-omm li kienet tagħmel massage bl-extras fl-istess dar fejn kienet tirrisjedi mal-minuri, il-biża tat-tfal fil-konfront tal-omm, l-aġir u l-attitudni tagħha waqt l-aċċess, saħansitra l-aċċess b'superviżjoni, fejn hi kienet tasal tard għall-aċċess, u minkejja li  ngħatat l-opportunita` tbiddel l-attitduni tagħha, baqgħet taġixxi bl-istess mod, u timponi diversi domandi fuq il-minuri, waqt l-aċċess b'superviżjoni, kif ikkonfermat mill-istess minuri.  Tenut kont ukoll ta' dak  mistqarr mill-istess minuri, li ma jridux kuntatt  ma' ommhom, il-kura u kustodja għandha tkun fdata unikament u esklussivament  f'idejn A B, b'dan li l-istess minuri igħixu miegħu."

Dwar l-aċċess, il-Perit Legali kkonkludiet hekk:

"L-esponenti umilment tirrileva li jidher ċar li l-aċċess kien il-punt ta' diverġenza bejn  il-partijiet  fil-kawżi odjerni u dan jidher ċar min-numru kbir ta' rikorsi li ġew intavolati mill-partijiet  relatat mal-istess aċċess. Jidher li l-aċċess favur C B  ħa perkors twil  b'dan li ġie mibdul diversi drabi dejjem fid-dawl  ta' x'inhu l-aħjar interess tal-minuri sa ma waslet f'punt fejn C B ċediet l-armi u ddikjarat li ma tridx aktar aċċess b'dan li lanqas biss irrispondiet għal nota intavolata mill-Aġenzija Appoġġ u li sussegwentement għaliha ġie sospiż l-aċċess.  Xhur wara l-istess sospensjoni, C B  terġa'  tbiddel fehmtha u terga' titlob li jkun hemm xi forma ta' aċċess iżda din  l-Onorabbli  Qorti  żżomm l-*istatus quo* u tiċħad tali talba biex b'hekk preżentement C B mhijiex qed tara lil uliedha.  L-esponenti għalkemm tifhem li s-sitwazzjoni  preżenti mhijiex waħda ideali għaliex wara kollox il-minuri  mhux qed jaraw lil ommhom,

f'dan il-każ partikolari fejn il-minuri kienu tant ċari li m'għandhom ebda interess li jaraw lil ommhom (minħabba l-uġiegħ li għaddiethom minnu) u fuq kollox minħabba l-aġir u l-irresponsabbilta` tal-istess C B li ma għarfitx tara x'inhu fl-aħjar interessi ta' wliedha iżda rat biss dak li jaqbel lilha (forsi anke minħabba l-kondizzjoni li ġiet dikjarata li għandha mit-Tribunal Ekkleżjastiku permezz tas-sentenza ta' annullament bejn il-partijiet) tqis li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li ma jkun hemm ebda aċċess favur C B għall-anqas sakemm il-minuri ma jurux ix-xewqa għal tali aċċess. Fl-umli opinjoni tal-esponenti tali twaqqif ta' aċċess għandu jkun kombinat m'ordni simili għal dik li diġà ingħatat fil-mori tal-kawżi odjerni u cjoe` li C B tkun projbita milli tmur fi kwalunkwe post inkluż iżda mhux limitatament għall-iskola u l-postijiet ta' attivitajiet extra-kurrikulari li jattendu l-minuri u dan dejjem fl-aħjar interessi tal-minuri li għadhom trawmatiżżati minn ommhom u li ma jriduhiex tkun ħdejhom jew fil-preżenza tagħhom jew ta' sħabhom."

<u>It-talbiet speċifiċi tal-aċċess</u>

Il-Perit Legali kkonkludiet li dawn it-talbiet ma jagħmlux sens meta l-minuri esprimew li ma jridux jaraw lil ommhom. Illi jsir aktar ħsara milli ġid jekk tali minuri jiġu mġegħla jaraw lil ommhom aħseb u ara li jkollhom sleepovers fir-residenza tagħha, meta anke l-aċċess superviżjonat barra mill-bini tal-Aġenzija Appoġġ ma kienx aċċettabbli għall-istess minuri.

Ġie wkoll konkjuż mill-Perit Legali, li d-deċiżjonijiet dwar saħħa u edukazzjoni għandhom jittieħdu mill-missier A B.

Ġie konkjuż ukoll li t-talba ta' C B sabiex il-minuri ma jkunux esposti għal terzi persuni, m'għandhiex tintlaqa'.

Dwar il-manteniment, il-Perit Legali ikkonkludiet li C B għandha tibda tħallas manteniment ta' Ewro 500 kull erba' ġimghat għall-minuri, li jinkludi spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

Dwar l-arretrati ta' manteniment u spejjeż għall-minuri, l-Perit legali kkonkludiet, li dawn l-arretrati jkopru l-perjodu minn Ġunju 2010, mid-data tad-digriet tal-Qorti datat 30 ta' Ġunju 2010, sa Ġunju 2012, għal perjodu ta' sentejn. L-ammont dovut huwa ta' Ewro 200 fix-xahar għaż-żewġt ulied, li jammonta għal Ewro4,800.

Għaldaqstant, ġie kkonstatat mill-perit legali, li t-talbiet fil-kawża rikors ġuramentat numru 189/11 għandhom jiġu miċħuda u t-talbiet fil-kawża rikors ġuramentat numru 199/11 għandhom jintlaqgħu.

Il-Perit Legali wieġbet għad-domandi in eskussjoni Ta' C B, billi sostniet, li il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ittieħdu in konsiderazzjoni, iżda l-interess tal-ulied huwa suprem, it-tfal ma wrewx xewqa ta' relazzjoni ma' ommhom, u dan anke  wara li ġew ikkunsidrati r-rapporti tal-professjonisti li tkellmu magħhom.

Ingħad ukoll li r-ritratti u l-filmati jitkellmu weħedhom, m'hemmx dubju  li C kienet f'kumpanija ta' rġiel differenti, u l-konklużjonijiet tal-Perit Legali huma ibbażati wkoll fuq ir-rapporti u xiehda  ta' professjonisti. Mistoqsija jekk it-tweġibiet tat-tfal kinux bil-mod kif kienu għax manipulati kontra ommhom, sostniet li kollox ġie kkunsidrat, ix-xewqat tat-tfal u d-dokumentazzjoni fl-atti tal-każ flimkien ma' dak li qalu l-professjonisti.  Illi joħroġ ċar mid-dokumentazzjoni  u r-rapporti esebiti, li  sfortunatament l-minuri ma jridux relazzjoni ma' ommhom. Anke meta kien qed isir l-aċċess b'superviżjoni, it-tfal baqgħu konsistenti billi  ma kellhomx xewqa jiltaqgħu ma' ommhom, u f'mument anke l-omm riedet twaqqaf l-aċċess għax ma bdietx tara progress. Minn dak li qalu s-social workers u l-professjonisiti tal-Aġenzija Appoġġ, it-tfal dejjem aġixxew ta' tfal, u l-omm kienet qed taqra xi noti waqt l-aċċess. Għalhekk, wara li ġew ikkonsidrati l-provi kollha, il-prinċipju ewlieni tal-aħjar interess tat-tfal huwa suprem, billi ma jista' jsir xejn fil-proċess li jfixklilhom l-iżvilupp tagħhom. Il-Perit Legali wieġbet għad-domandi ta' C B billi qalet li mhuwiex minnu li  ma ngħata l-ebda piż  għal dak li setgħet kienet għaddejja minnu C, iżda l-interessi supremi tal-ulied li ngħataw il-fakolta jesprimu ruħhomu juru x-xewqat tagħhom, għalhekk id-deċiżjoni ttieħdet skont l-interess tal-ulied, u mhijiex kwistjoni ta' min ser tgħaddi.  Il-Perit Legali rrilevat li  l-aktar punt importanti jibqa' dak li hu fl-aħjar interess tal-ulied, u r-rapport ta' Elena Borg li indikat tnaqqis fil-ħin tal-aċċess m'għandux jittieħed bħala prova waħdu, iżda fl-assjem tal-provi tenut kont tax-xewqat tal-ulied. Dan qed jingħad għaliex proprju ġie kkunsidrat li l-ulied diġà tkellmu u raw diversi professjonisti, u mhuwiex opportun li t-tfal jgħaddu minn 'ordeal' ieħor, jekk fil-futur is-sitwazzjoni tinbidel, imbagħad tiġi evalwata s-sitwazzjoni f'dak iż-żmien, anke peress li C uriet diversi nuqqasijiet anke meta l-aċċess sar b'superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ. Illi ġie wkoll sostnut li l-manteniment irid jingħata indipendentement minn min jieħu d-deċiżjonijiet, dawk huma żewġ materji separati, stante li l-manteniment ta' Ewro 500 fix-xahar  kull xahar jinkludi  l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni dan l-ammont m'għandux jonqos.

<u>KUNSIDERAZZJONIJIET GĦALL-KAŻ ODJERN:</u>

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti tagħmel referenza għall-verbal datat 14 ta' April, (fol 159 tal-każ Numru 189/11) fejn ġie ordnat li l-provi li jinstemgħu f'kawża waħda ser jagħmlu stat ta' fatt ta' prova fil-każ l-ieħor Numru 199/11, fl-ismijiet inversi, dan ifisser li ż-żewġ kawżi qed jimxu kontestwalment.

Illi wara eżami tal-assjem tal-provi u tar-relazzjoni tal-perit Legali, din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex taddotta l-kostatazzjonijiet kollha peritali abbażi tal-evalwazzjonijiet u l-motivi spjegati fir-rapport, u fl-eskussjoni peritali. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ser taddotta fl-intier tiegħu ir-rapport tal-Perit Legali Abigail Critien.

DWAR IL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[5], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[6], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[7], u O Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[8], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta'

[5] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;
[6] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;
[7] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956
[8] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).

kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[9].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "**Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.**" L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "**Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied**."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.**

**(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.**

**(3).Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-**

[9] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.**

**(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.**

**(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust**.

<u>APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-partijiet isseparaw minn fis-sena 2007 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni . Fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 6 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi, kien ġie miftiehem li l-kura u l-kustodja tal-ulied tiġi fdata f'idejn il-partijiet b'mod konġuntiv, u d-deċiżjonijiet dwar saħħa u edukazzjoni tal-minuri għandhom jittieħdu mill-partijiet b'mod konġuntiv, rigward l-aċċess dan ukoll kien regolat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni. Madankollu, minħabba ċirkostanzi li seħħew sussegwentement, u in vista ta' digriet tal-Qorti datat 30 ta' Ġunju 2010, mogħti fl-istadju ta' medjazzjoni, din il-Qorti fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn il-missier A B.

Jirriżulta mill-provi li minn dakinhar mill-2010 sal-lum, il-minuri baqgħu igħixu mal-missier, u li kien fl-ahhar sena li waqaf ghal kollox l-access fejn it-tfal m'ghadhomx jiltaqghu ma' ommhom. Jirriżulta wkoll, li minn dak inhar fl-2010 kien hemm l-aċċess tal-minuri favur C, li xi drabi kellha aċċess liberu, meta anke kien hemm diversi episodji rakkontati fejn l-omm C uriet nuqqas ta' responsabbiltà fil-konfront ta' uliedha. L-episodju fejn it-tifla M waqgħet il-baħar waqt l-aċċess, u kienet ġiet salvata minn terza persuna li nzerta fuq il-post, liema aċċident ma ġiex innegat anzi ġie ammess fl-istess xiehda ta' C in kontro-eżami. Ikkunsidrat li dan kien ċertament inċident li seta' kellu eżitu aktar fatali. Kien hemm episodju ieħor meta l-omm waqt l-aċċess bidlet in-nuċċali ta' tifel li kien qed jirċievi kura medika għal għajnejh, u ħafna episodji oħra fejn l-omm kienet anke tmur l-iskola biex tiltaqa' mat-tfal u ssaqsihom diversi domandi fuq il-missier, b'konsegwenza li t-tfal spiċċaw iħossuhom skomdi u l-uffiċjali tal-iskola kellhom jiġbdu l-attenzjoni tal-

omm f'dan ir-rigward. Mix-xiehda ta' A B jirriżulta li meta t-tfal kienu għadhom parzjalment taħt il-kustodja tal-omm, kienu intbagħtu l-iskola meta l-minuri kienu bil-ġidri r-riħ jew morda, b'mod li da parti tal-iskola ħassew li kellhom jiġbdu l-attenzjoni għal dan. Dan kollu juri irresponsabbilta da parti tal-omm fil-konfront tal-ulied. Inoltre`, il-provi, ir-ritratti u dak li ntqal fid-dvd, flimkien max-xiehda ta' Jean Pierre Camilleri juru biċ-ċar li C kienet iddaħħal l-irġiel għall-massage bl-extras, fir-residenza fejn hija kienet toqgħod flimkien mat-tfal. Kien proprju in segwitu għal dawn iċ-ċirkostanzi, li fil-proċess tal-medjazzjoni, din il-Qorti fdat il-kura u l-kustodja f'idejn il-missier A B, kuntrarjament għal dak miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni. Illi meta l-aċċess baqa' jseħħ b'superviżjoni mill-Aġenzija Appoġġ, ix-xhieda kollha kkonfermaw li l-omm C kienet tiġi tard jew titlaq kmieni u waqt l-aċċess b'superviżjoni kienet tkun fuq il-mobile, tant li kienu ġibdulha l-attenzjoni biex taġixxi aktar ta' ġenitur responsabbli fil-konfront tal-ulied. Minkejja dan, mill-provi prodotti, ma jirriżultax li sar wisq progress f'dan ir-rigward, tant li t-tfal ma kinux ikunu qed jistennew dawn il-laqgħat mal-omm, anzi kienu jkunu turbati u frustrati, u saħansitra beżgħana minħabba dak li kienu għaddew minnu konsegwenza tal-aġir tal-omm. Di piu`, r-rapport tal-Psikoterapista maħtura mill-Qorti Elena Borg, fl-osservazzjonijiet u konklużjonijiet tagħha, rrakkomandat li C B għandha bżonn tifhem ir-rwol tagħha ta' omm. Jirriżulta li l-Aġenzija Appoġġ tat struzzjonijiet ċari lil C B dwar kif għandha tkun l-imġieba tagħha mat-tfal, iżda hemm diffikultajiet sabiex hija timxi ma' din il-gwida. Ġie konkjuż ukoll, li l-aċċess b'superviżjoni xorta qed jikkawża ħsara psikoloġika lit-tfal, bħal meta kienet twegħdhom li sejra tarahom f'kunċert tal-iskola, it-tfal ikunu ferm anzjużi, imbagħad l-omm ma titfaċċax. Għalhekk, jidher li l-aċċess kif inhu bħalissa, mhuwiex jilħaq l-għan li jipproteġi u jħares il-ħarsien tal-minuri, billi anke l-omm tasal tard jew titlaq kmieni waqt l-aċċess. Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Psikoterapista rrakkomandat, li kemm l-ulied minuri u l-omm imorru għat-terapija.

Fid-dawl ta dawn ir-riżultanzi, u fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak ikkonstat mill-perit legali fir-rapport tagħha, li l-interess tal-minuri huwa suprem, u huwa dak il-pern tal-kwistjoni odjerna, li l-interessi tal-minuri jiġi salvagwardati b'kull mod billi l-interess tal-iżvilupp tal-minuri jiġi mħares. Inoltre`, għandha tiġi wkoll rispettata x-xewqa tal-ulied li ngħataw l-opportunita` jesprimu ruħhom dwar din il-kwistjoni delikata li tant laqtithom f'eta` żgħira. Għalhekk, in vista ta' dawn ir-riżultanzi, il-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi unikament u esklussivament fdati f'idejn il-missier. Konsegwentement, id-deċiżjonijiet rigward is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri għandhom ukoll jittieħdu unikament mill-missier.

L-aċċess:

Jirriżulta li l-imġieba tal-omm waqt l-aċċess b'superviżjoni ma kienx dak adegwat u mixtieq tant, li l-Aġenzija Appoġġ kienet tat linji gwida lil C biex ittejjeb l-imġieba tagħha ta' ġenitur waqt l-aċċess. Minkejja dan, baqa' ma sarx progress fl-imġieba tal-omm, tant li l-ulied ma kinux jistennew b'ħeġġa li jasal il-ħin tal-aċċess, anzi kienu jkunu fuq ix-xwiek u beżgħana meta ommhom tgħidilhom u twegħdhom li se tmur tarahom għall-kunċert tal-iskola, sabiex imbagħad lanqas biss kienet titfaċċa. Dan ċertament mhuwiex atteġġjament aċċettabbli da parti ta' ġenitur responsabbli, li għandu jqis l-ewwel u qabel kollox l-interessi tal-ulied.

Illi oriġinarjament permezz tal-ftehim b'seperazzjoni kien hemm provdut kif għandu jsir l-aċċess, l-aċċess baqa' jseħħ anke wara d-digriet tal-Qorti datat 30 ta' Gunju 2010, meta l-kura u kustodja ġiet fdata f'idejn il-missier, u l-aċċess baqa' jsir b'superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ, sakemm l-aċċess ma baqax iseħħ f'din l-aħħar sena.

Din il-Qorti ikkonsidrat bir-reqqa il-provi kollha fl-atti tal-każ, fosthom ix-xiehda tas-social workers u l-professjonisti tal-Aġenzija Appoġġ. Ikkunsidrat ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Psikoterapista maħtura mill-Qorti Elena Borg. Elena Borg issottolineat fir-rapport tagħha, li l-aċċess b'superviżjoni ma kienx qed iħalli impatt u effett pożittiv fuq l-ulied, iżda kuntrarjament kien qed joħloq ħsara psikoloġika fuq il-minuri. Fil-fatt, il-Psikoterapista irrakkomandat li l-aċċess jitnaqqas. Din il-Qorti ikkonsidrat ukoll l-evalwazzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward, u taqbel li f'dan l-istadju, ladarba l-minuri wrew ix-xewqa li ma iltaqgħux ma' ommhom minħabba anke l-ħsara l-psikoloġika li saritilhom, taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali, li f'dan l-istadju, m'għandux ikun hemm aċċess tal-minuri għall-omm C B. Illi jekk kemm-il darba is-sitwazzjoni fil-futur tinbidel, u t-tfal ikunu jixtiequ jiltaqgħu mal-omm, dak għandu jiġi kkunsidrat mill-Qorti f'dak l-istadju ulterjuri, kemm-il darba jkun hemm talba simili. Iżda, f'dan l-istadju, din il-Qorti hija tal-fehma li jekk ikun hemm aċċess tal-minuri għall-omm, dan ser ikun aktar ta' ħsara milli ġid għat-tfal. It-twaqqif tal-aċċess, f'dan l-istadju għandu jkun kombinat mal-fatt li l-omm m'għandhiex tmur tfittex lil ulied fl-iskola jew f'attivatijiet extra-kurrikulari.

Manteniment:

Illi jiġi rilevat li skont il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet, kien hemm indikat li l-manteniment dovut huwa ta' Ewro 93.17 kull xahar, apparti l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Sussegwentement, permezz ta' digriet tal-Qorti datat 25 ta' Ġunju 2012[10], C B kienet ġiet ordnata tħallas manteniment għaż-żewġt ulied fl-ammont ta' Ewro 300 fix-xahar. Jirriżulta, li sussegwentement, b'rikors datat, 7 ta' Ottubru 2013 C B talbet li l-ammont ta' manteniment jiġi ridott, u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 2013, it-talba ta' C kienet ġiet miċħuda.

Illi l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li: "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi"

Għalhekk, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi l-obbligu tal-manteniment huwa obbligu assolut intrinsiku għall-fatt li wieħed huwa ġenitur. Illi f'dan il-każ inġiebet il-prova neċessarja tal-introjtu tal-omm C B, fejn jirriżulta li hija għandha introjtu ta' Ewro 1353.53 fix-xahar għal Frar 2012, mill-FS 3 esebita a fol 99 tal-proċess 199/11. Minbarra dan, irriżulta mix-xiehda li hija għandha wkoll introjtu minn bejgħ ta' pitturi li tpitter hija stess. Għalhekk, din il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali, li C B għandha tħallas manteniment fl-ammont ta' Ewro500 fix-xahar għaż-żewġt ulied, liema ammont jinkludi sehemha mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Għaldaqstantant, il-Qorti qegħda tordna lil C B sabiex tħallas il-manteniment għal uliedha minuri fl-ammont ta' hames mitt Ewro fix-xahar (Ewro500) fix-xahar, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indici tal-għoli tal-ħajja u jkun jinkludi sehemha mill-ispejjeż relatati ma' saħħa u edukazzjoni. Tali manteniment jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm l-ulied jagħlqu t-tmintax-il sena. Jekk l-istess minuri meta jsiru maġġorenni ikunu qed jistudjaw fuq bażi *full-time*, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm l-ulied jieqfu jistudjaw fuq bażi *full-time*, jew jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skont liema eventwalita` sseħħ l-ewwel.

---

[10] Fol 105 tal-process 199/11.

Referibbilment għall-arretrati ta' manteniment, dawn huma dovuti għall-perjodu minn meta ingħata d-digriet tat-30 ta' Ġunju 2010 sa Ġunju 2012, meta C B ġiet ordnata b'digriet tal-Qorti li tibda tħallas manteniment ta' Ewro 300 fix-xahar. Għalhekk, il-perjodu tal-arretrati ikopri biss dawn is-sentejn, li jekk jinħadmu bl-ammont ta' Ewro 200 fix-xahar għal dak il-perjodu ta' żmien jammontaw għal Ewro 4,800, għalhekk C B għandha tħallas l-ammont ta' Ewro 4,800 għall-arretrati ta' manteniment.

<u>DEĊIDE</u>

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' C B u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif ġej:

1.Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni ippublikat bejn il-partijiet min-nutar Dottor Tonio Cauchi fis-6 ta' Novembru 2007, billi minflok dawk il-provvedimenti fil-kuntratt li jirregolaw il-kura u l-kustodja u aċċess tal-imsemmija minuri, tordna l-kura l-kustodja u l-affidament tal-minuri M u J aħwa B tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn l-istess rikorrent.

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tiddikjara li C B, f'dan l-istadju m'għandhiex ikollha aċċess favur il-minuri M u J, sakemm il-minuri ma jurux ix-xewqa għal aċċess ma' ommhom. Għalhekk, din il-Qorti tordna li C B tkun projbita milli tmur fi kwalunkwe post inkluż l-iskola u postijiet ta' attivitajiet extra-kurrikulari li jattendu l-minuri,u dan għall-protezzjoni u s-sigurta` tagħhom.

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tordna li r-rikorrent għandu jkun unikament fdat bir-responsabbilta` tad-deċiżjonijiet kollha rigward edukazzjoni, u saħħa tat-tfal, fl-aħjar interess tagħhom. Tordna li tali poter ta' deċiżjonijiet tal-missier għandu jkun estiż ukoll għal safar u ħruġ tal-passaport tal-minuri.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li C B għandha tħallas manteniment għal uliedha minuri fl-ammont ta' Ewro 500 kull erba' ġimgħat, liema manteniment jinkludi sehemha mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Tali manteniment jibqa' jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, u jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm l-ulied ikollhom tmintax-il sena. Jekk l-istess minuri meta jsiru maġġorenni, ikunu qegħdin jistudjaw fuq bażi *full-time*, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas

sakemm l-istess minuri jieqfu jistudjaw fuq bażi *full-time*, jew jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skont liema eventwalita` sseħħ l-ewwel. Ir-rikorrent qed jiġi awtorizzat jipperċepixxi tali manteniment direttament mill-paga ta' C B, jew minn entita` jew Dipartiment li minnu tipperċepixxi xi forma ta' introjtu.

5.Tilqa' l-ħames talba u tikkundanna lil C B tħallas l-ammont ta' erbat elef u tmien mitt Ewro (Ewro 4,800) bħala arretrati ta' manteniment mid-data tat-30 ta' Ġunju 2010, u ċjoe` minn mindu r-rikorrent ġie fdat bil-kura u kustodja tal-minuri sa Ġunju 2012, minn meta C B ġiet ordnata tħallas il-manteniment permezz ta' digriet tal-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur